MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 511/2010

**Nathalie Ellul**

**Vs**

**Ministeru tal-Gustizzja, Djalogu u Familja**
**Dipartiment tas-Sigurtà Socjali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Nathalie Ellul fl-1 ta' Dicembru 2010 permezz ta' liema titlob li l-Ministeru tal-Gustizzja, Djalogu u Familja u d-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali jigu dikjarati responsabbli ghad-danni minnha sofferti minhabba parir hazin moghti lilha dwar il-beneficcju ta' l-assistenza socjali li ghalih kienet intitolata u konsegwentement jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' disat elef tlett mija sitta u hamsin Euro u disgha u tletin centezmu (€9,356.39), rapprezentanti d-danni minnha sofferti, bil-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi u l-ispejjez giudizzjarji, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata

20 ta' Awwissu 2010 kontra l-Ministeru tal-Gustizzja, Djalogu u Familja u d-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali;

Rat ir-Risposta tal-Ministeru tal-Gustizzja, Djalogu u Familja u tad-Dipartiment tas-Sigrutà Socjali permezz ta' liema jopponu ghat-talbiet ta' l-attrici u jitolbu li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (1) din il-Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni sabiex tqis l-azzjoni attrici peress illi ai termini ta' l-Artikoli 108 u 109 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghtu biss dritt lill-attrici biex tappella quddiem l-arbitru u sussegwentement quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) u mhux quddiem il-Qorti tal-Magistrati; (2) it-talba attrici hija ezawrita stante li l-mertu llum huwa *res judicata* permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet "Nathalie Ellul v. Direttur tas-Sigurtà Socjali" pronuncjata fid-19 ta' Frar 2010; (3) l-attrici ghandha tindika taht liema artikolu tal-Ligi qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha; (4) l-ipotesi ta' zball imqajjma mill-attrici hija ghal kollox irrilevanti stante li imkien fl-Artikolu 102 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta ma hemm imsemmi l-izball fis-solvens bhala rekwizit *sine qua non* ghall-proposizzjoni tad-dritt ghar-reklam ta' l-indebitu; u (5) wara stharrig mid-Direttur tas-Sigurtà Socjali gie stabbilit li l-hlas ta' €9,356.39 gie moghti lill-attrici bhala ghajnuna socjali minghajr ma kienet intitolata ghalih b'hekk, la kien hemm tali arrikkiment ingust favur l-attrici, l-istess attrici ghandha tirrifondi lura din is-somma kif deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri);

Rat in-Nota pprezentata mill-attrici fil-15 ta' Dicembru 2011 permezz ta' liema tiddikjara li l-azzjoni minnha proposta hija bbazata fuq d-disposizzjonijiet tat-Titolu IV Sub-Titolu II tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti fis-sens illi l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-affidavit ta' l-attrici pprezentat permezz ta' Nota fit-18 ta' Jannar 2011 a fol. 13 u 14 tal-process u rat id-dokumenti annessi ma' l-istess affidavit a fol. 15 sa' 203 tal-process, rat is-sentenza fl-ismijiet "Nathalie Ellul v.

Direttur tas-Sigurtà Socjali" Appell Nru. 6/09 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-19 ta' Frar 2010 esebita mill-konvenuti permezz ta' Nota pprezentata fil-21 ta' Jannar 2011 a fol. 206 sa' 212 tal-process u esebita mill-gdid mill-attrici permezz ta' Nota pprezentata fl-1 ta' Frar 2011 a fol. 217 sa' 223 tal-process, u semghet ix-xhieda ta' Peter Miceli Saydon moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2011[1];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attrici titlob li l-Ministeru tal-Gustizzja, Djaolgu u Familja u d-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali jigu dikjarati responsabbli ghad-danni minnha sofferti minhabba parir hazin li nghatat dwar il-beneficcju ta' l-assistenza socjali li kienet intitolata ghalih u konsegwentement jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' €9,356.39 rapprezentanti d-danni soffeti minnha. Il-konvenuti jilqghu ghat-talba attrici b'diversi eccezzjonijiet fosthom tlett eccezzjonijiet ta' natura preliminari, ossia l-inkompetenza ta' din il-Qorti biex titratta u tiddeciedi l-mertu ta' l-azzjoni attrici, ir-*res judicata* u l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jikkontestaw it-talba attrici fil-meritu wkoll billi jikkontendu li l-ipotesi ta' zball imqajjma mill-attrici hija ghal kollox irrilevanti stante li imkien fl-Artikolu 102 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta ma hemm imsemmi l-izball fis-solvens bhala rekwizit *sine qua non* ghall-proposizzjoni tad-dritt ghar-reklam ta' l-indebitu u li wara stharrig mid-Direttur tas-Sigurtà Socjali gie stabbilit li l-hlas ta' €9,356.39 gie moghti lill-attrici bhala ghajnuna socjali minghajr ma kienet intitolata ghalih u ghalhekk la kien hemm tali arrikkiment ingust favur l-attrici, l-istess attrici ghandha tirrifondi lura din is-somma kif deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)

[1] Fol. 236 tal-process.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel eccezjonijiet li ghandhom jigu trattati huma t-tlett eccezzjonijiet preliminari u minn dawn it-tlett eccezzjonijiet ta’ natura preliminari, l-ewwel li ghandhom jigu ikkunsidrati huma l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza ta’ din il-Qorti biex tittratta u tiddeciedi l-azzjoni attrici u l-eccezzjoni tar-*res judicata.*

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici *qua* mara separata li kienet ghal kollox responsabbli ghaz-zamma u trobbija ta’ binha dak iz-zmien minuri, kienet tircievi ghajnuna socjali minghand id-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali. Fl-2007 id-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali induna li l-attrici baqghet tircievi tali ghajnuna socjali anke wara li binha ghalaq is-sittax-il sena u ghalhekk talabha tirrifondi l-hlasijiet li hija rceviet bejn it-13 ta’ Lulju 2005 u t-13 ta’ Lulju 2007 – ossia l-preijodu ta’ sentejn appena qabel ma d-Dipartiment induna b’dawn il-hlasijiet li gew effettwati lill-attrici ghad li ma kellhiex dritt ghalihom – ammontanti ghal €9,356.39. L-attrici appellat minn din id-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Socjali quddiem l-Arbitru ai termini ta’ l-Artikolu 108 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’decizjoni moghtija fl-4 ta’ Mejju 2009 l-appell taghha gie milqugh stante li gie deciz illi *d-decizjoni tad-Direttur datata 16 ta’ Awwissu 2007* [li biha l-attrici giet ordnata thallas lura s-somma ta’ €9,356.39] *m’hijiex wahda gusta u m’ghandhiex tigi ikkonfermata*[2]. Id-Direttur tas-Sigurtà Socjali appella minn dik id-decizjoni ai termini ta’ l-Artikolu 109 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’sentenza pronuncjata mill-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-19 ta' Frar 2010, id-decizjoni ta’ l-Arbitru ta’ l-4 ta’ Mejju 2009 giet revokata b’dana li l-attrici giet li ghandha tirrifondi lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali s-somma ta’ €9,356.39[3].

Mill-affidavit ta’ l-attrici jirrizulta li versu l-hlas ta’ dan l-ammont ta’ €9,356.39 qed jitnaqqsulha ammonti mill-ghajnuna socjali li qed tircievi llum u hija issostni li dan it-tnaqqis qed jikkawzalha danni ingenti peress illi mhux qed tlahhaq mal-hajja. Tikkontendi li huwa fid-dawl ta’ dan il-

[2] Fol. 127 u 128 tal-process.
[3] Fol. 206 sa’ 212 tal-process.

fatt li istitwiet l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenuti[4]. Il-konvenuti invece jsostnu li l-attrici qed terga' tipproponi l-istess tip ta' talba li ressqet quddiem l-Arbitru ai termini ta' l-Artikolu 108 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba giet michuda mill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) bis-sentenza pronuncjata fid-19 ta' Frar 2010.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li l-elementi ta' l-eccezzjoni ta' *res judicata* huma li s-sentenza ta' qabel kienet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni (*eadem personam*), fuq l-istess oggett (*eadem res*) u ghall-istess kawzali (eadem petendi) bhal fil-kawza l-gdida[5] u ghalhekk ma hemmx dubju li sabiex tirnexxi l-eccezzjoni ta' *res judicata* sollevata mill-konvenuti, jehtieg li dawn it-tlett elementi jkunu jissussistu fl-azzjoni in ezami.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Rabat Construction Ltd. v. Cutajar Construction Company Limited, Citaz. Nru. 1209/00** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 2002, gie osservat illi *a rigward ta' l-**eadem res**[6], din tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Illi fis-sentenza "Joseph Ellul Mercer noe et v. Albert Borg Olivier de Puget et" (Appell 7 ta' Frar, 1958, Vol. XLII.I.5, p.10) il-Qorti sostniet li: "wiehed mir-rekwiziti li jehtieg jikkonkorru sabiex jista' jigi invokat il-gudikat hu dak ta' l-identità ta' l-oggett ('eadem res'). Illi f' "Camilleri v. Baldacchino" (P.A. 5 ta' Mejju, 1898, Vol. XVI.II.253. pg 255) l-Imhallef P. De Bono irrikonoxxa li "... la diversità dell'oggetto fa mancare lo estremo essenziale dell'identità della cosa giudicata". Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija cara: sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi intiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza precedentement[7]. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta'*

---

[4] Fol. 13 u 14 tal-process.

[5] Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby et, Citaz. Nru. 1792/99 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu 2003.

[6] Enfasi ta' din il-Qorti.

[7] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*decizjoni precedenti, din is-similarità mhix ostaklu ghall-talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati. Illi mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta' kif ghandha tigi determinata l-identità ta' l-oggett jidher illi l-ahjar mod hu li tezamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attrici gietx jew le deciza minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Illi ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet gewx determinati mis-sentenza l-ohra jew jekk baqax irrisolt*[8]*. Illi jekk il-kwistjoni tkun giet diskussa u deciza, allura jkun hemm l-identità ta' l-oggett. Illi f'dan ir-rigward huwa rilevanti dak li inghad fis-sentenza "Camilleri v. Pace" (A.C. 5 ta' Novembru 1951) u cioè:- "Per decidere se vi sia cosa giudicata, in quanto si controverte se sua seconda domanda abbia carattere di novità o piuttosto presenti identità della 'causa petendi', gia sperimentata in altre precedente, si deve aver riguardo non soltanto al titolo o nome dell'azione, nonchè alla legge invocata, ma altresi al diritto conteso, all'intento ed al fine la parte si propone di conseguire*[9]*. Illi in oltre f' "Assunta Cassar v. Dr. Carmelo Zammit noe (A.C. 10 ta' Dicebru 1956 – Vol. XL.I.402) gie rilevat li "... ghalkemm biex jista' jigi invokat il-gudikat hemm bzonn l-identità ta' l-oggett, din l-identità m'hemmx bzonn tkun assoluta". Dan il-principju gie reiterat f' "Catherine Portelli v. Joseph Cachia et" (Q.K. 10 ta' Dicembru 1992 – Vol. LXXVI.I.V.719) fejn il-Qorti tenniet li "dwar l-identità tal-haga mitluba hu pacifikament ammess li mhux necessarju li l-identità tkun assoluta u materjali izda bizzejjed l-identità guridika".*

Fl-istess imsemmija sentenza gie osservat ukoll illi l-kondizzjoni ta' l-***eadem causa petendi*** tirrikjedi li *the cause of the claim kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Illi l-Prof. Caruana Galizia f' "Notes on Civil Law" (Pt. IV p. 1428) spjega li l-causa petendi hi "the title on which the demand is based". Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioè, il-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi*

[8] Sottlinear ta' din il-Qorti.
[9] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*sabiex il-kundizzjoni ta' l-'eadem causa petendi' tirnexxi, irid jigi ippruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat*[10].

Ghalkemm jidher li l-mertu ta' l-azzjoni odjerna jittratta dwar dikjarazzjoni ta' responsabilità tal-konvenuti ghad-danni allegatament sofferti mill-attrici b'konsegwenza tal-fatt li ghandha tirrifondi s-somma ta' €9,356.39 minhabba allegt parir hazin li kienet inghatat, u konsegwenti kundanna ghall-hlas ta' tali danni, fil-fehma tal-Qorti l-iskop reali ta' l-attrici wara dawn il-proceduri huwa li mill-gdid tikkontesta l-pretensjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali ghar-refuzjoni tas-somma ta' €9,356.39 kif già ghamlet bil-proceduri istitwiti quddiem l-Arbitru ai termini ta' l-Artikolu 108 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta, liema kontestazzjoni però giet michuda mill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) bis-sentenza fl-ismijiet "Nathalie Ellul v. Direttur tas-Sigurtà Socjali" Appell Nru. 6/09 deciza fid-19 ta' Frar 2010.

Li din hija l-vera intenzjoni ta' l-attrici wara dawn il-proceduri johrog car minn diversi fatturi li jirrizultaw mill-atti processwali u b'mod partikolari mill-affidavit taghha stess a fol. 13 u 14 tal-process. Fl-imsemmi affidavit l-attrici tiddikjara li *nixtieq nghid li l-flus li ircevejt mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali uzajthom ghal hajja tieghi u ghat-tifel u b'hekk ma kellix flus imgemmajn. Jiena dipendejt totalment fuq dak li kienu jghiduli d-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali u hdimt ghaliex id-Dipartiment informani li stajt naghmel ftit xoghol basta ma naqbisx il-minimu. Kieku informawni li stajt naghmel ftit xoghol basta ma naqbisx il-minimu. Kieku informawni li ma kont intitolata ghall-ghajnuna socjali, ma kont nehodha. Jiena kont dejjem nuri lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali b'kollox u kont niddependi fuqhom. Jien appellajt quddiem l-Arbitru u kont inghatajt ragun, izda id-Dipartiment insista bit-talba tieghu u appella quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Fil-fatt gejt ordnata biex nhallas €9356.39 lid-Dipartiment tas-Sigurtà*

[10] Sottolinear tal-Qorti.

*Socjali. Tramite l-avukat tieghi, Dr. Malcolm Mifsud, saqsejt ghal kopja tal-file tieghi fid-Dipartiment u qed nehmez kopja tad-dokumentazzjoni li rcevejt. Jiena hassejt li dan kien ingustizzja mieghi fis-sens li d-Dipartiment li jien informajthom b'kollox u huma ggiwdani, ha passi kontra tieghi minhabba l-izbalji u l-inkompetenza taghhom stess. Jien m'ghandix il-flus li qed jitolbu, izda qed naqsuha mill-ghajnuna socjali li qeghda tircievi llum. Dan qed ikkawza danni enormi fuqi ghaliex ma nilhaqx mal-hajja.*

Ghalkemm fl-affidavit taghha l-attrici tipprova ddahhal l-element ta' l-allegat dannu, huwa evidenti li ghadha qed tikkontesta l-pretensjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali ghar-refuzjoni tas-somma ta' €9,356.39 u in verità dawn il-proceduri huma fil-fatt initizi ghall-fini li ma tirrifondix dan l-ammont lid-Dipartiment. In effetti bhala danni l-attrici qed titlob il-hlas tas-somma €9,356.39 li hija identika ghall-ammont minnha dovut lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali, minghajr però ma ressqet ebda prova li tiggustifika u tissosstanzja l-*quantum* tad-danni minnha pretizi.

Mill-affidavit ta' l-attrici stess jirrizulta li s-somma ta' €9,356.39 minnha dovuta lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali qed titnaqqas ftit ftit mill-ghajnuna socjali li hija qed tircievi bhal' issa, li jfisser ghalhekk li tali somma ta' €9,356.93 ghadha ma thallsitx fl-intier taghha. Fid-dawl ta' dan u fid-dawl tal-fatt li l-attrici ma ressqitx provi ohra li juru b'mod sodisfacenti li bit-tnaqqis li qed isirilha ghajnuna socjali li qed tircievi hija fil-fatt soffriet danni fl-ammont ta' €9,356.39, il-Qorti difficilment tista' tikkonsidra t-talba attrici bhala wahda verament intiza ghall-hlas ta' danni allegatment sofferti u mhux bhala tentattiv ulterjuri da parte ta' l-attrici biex tostakola u ggib fix-xejn id-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Socjali tas-16 ta' Awwissu 2007.

Kif inghad fis-sentenza iktar 'l fuq citata **Rabat Construction Ltd. v. Cutajar Construction Company Limited** ghall-finijiet ta' l-eccezzjoni ta' *res judicata* u b'mod partikolari ghal dak li jirrigwarda l-elementi ta'

*eadem res* u *eadem causa petendi*, *si deve aver riguardo non soltanto al titolo o nome dell'azione, nonchè alla legge invocata, ma altresi al diritto conteso, all'intento ed al fine la parte si propone di conseguire … irid jigi ippruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat*. Ikkunsidrata l-azzjoni odjerna fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet nonche principji guridici, il-Qorti ttenni li nonostante dak premess mill-attrici fir-Rikors promotur ma jirrizultax li l-azzjoni odjerna hija verament intiza sabiex l-istess attrici tottjeni xi haga differenti ghal dak minnha già mitlub bil-proceduri quddiem l-Arbitru ai termini ta' l-Artikolu 108 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta, liema proceduri gew determinati b'cahda finali bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet "Nathalie Ellul v. Direttur tas-Sigurtà Socjali" Appell Nru. 6/09 deciza fid-19 ta' Frar 2010. Ghalhekk effettivament tirrizulta l-identità ta' l-**oggett** u tal-**kawzali** bejn l-azzjoni odjerna u l-proceduri istitwiti mill-attrici quddiem l-Arbitru ai termini ta' l-Artikolu 108 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta, li kif inghad gew finalment determinati bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet "Nathalie Ellul v. Direttur tas-Sigurtà Socjali" pronuncjata fid-19 ta' Frar 2010.

Jehtieg li jigi trattat ukoll it-tielet element marbut ma' l-eccezzjoni ta' *res judicata* u cioè l-element ta' *eadem personae*. Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Grixti v. Salvino Schembri et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' April 1958[11] *biex din l-eccezzjoni tista' tirnexxi hemm bzonn li jigi ezaminat jekk jikkonkorrix l-ewwel element tal-gudikat, dak jigifieri, jekk is-sentenza ga imsemmija kienitx giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni li jidhru bhala kontendenti fil-kawza odjerna* u kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Innocenza Debattista et v. Giovanni Farrugia**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Frar 1958[12] *biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg … li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni.*

---

[11] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XLII – I – 198.
[12] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XLII – II – 917.

Il-partijiet fil-proceduri determinati mill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) bis-sentenza li giet pronuncjata fid-19 ta' Frar 2010 kienu l-attrici Nathalie Ellul u d-Direttur tas-Sigurtà Socjali, filwaqt li l-partijiet fil-proceduri odjerni huma l-istess Nathalie Ellul, id-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali u l-Ministeru tal-Gustizzja, Djalogu u Familja. Ghalkemm il-partijiet fil-proceduri odjerni apparentement jidhru differenti mill-partijiet fil-proceduri determinati bis-sentenza tad-19 ta' Frar 2010, in verità ma huwiex hekk u fil-kaz in ezami jissussisti wkoll l-element ta' *eadem personae*.

Ma hemmx dubju li d-Direttur tas-Sigurtà Socjali u d-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali huma fl-ahhar mill-ahhar l-istess entità u dana anke fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li *l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*. Il-fatt li fil-proceduri odjerni gie mharrek ukoll il-Ministeru tal-Gustizzja, Djalogu u Familja *qua* l-Ministeru taht liema jaqa' id-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali, ma jbiddel xejn mis-sitwazzjoni ghaliex ghalkemm huwa principju li biex ikun hemm il-gudikat jehtieg li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess nies, kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol et v. Jane Agius et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Lulju 1996[13] *però dan ma jfissirx li l-istess promoturi ta' l-istess procedura jistghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna li l-presenza taghha mhijiex verament necessarja, minn punto di vista legali, ghall-fini ta' dik il-procedura.* Ladarba l-ilment principali ta' l-attrici huwa dirett fil-konfront tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali u l-allegat parir hazin li nghatat mill-istess Dipartiment, il-Qorti ftit li xejn tara siwi fil-fatt li gie mharrek ukoll il-Ministeru tal-Gustizzja, Djaolgu u Familja u certament ma jistax jitqies li bis-semplici fatt li gie mharrek l-imsemmi Ministeru l-partijiet f'dawn il-proceduri huma differenti ghall-partijiet fil-konfront u fir-rigward ta' liema giet

[13] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta,Vol. LXX – II – 804.

pronuncjata s-sentenza fl-ismijiet “Nathalie Ellul v. Direttur tas-Sigurtà Socjali” Appell Nru.6/09 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri).

Dana kollu jwassal ghalhekk ghas-segwenti konkluzzjonijiet: (i) l-attrici setghet tidderigi l-ilment taghha fil-konfront tad-decizjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali li biha giet mitluba tirrifondi s-somma ta’ €9,356.39 rapprezentanti hlasijiet ta’ ghajnuna socjali li in verità ma kenitx intitolata ghalihom ghall-perijodu bejn it-13 ta’ Lulju 2005 u t-13 ta’ Lulju 2007, bi proceduri ai termini ta’ l-Artikolu 108 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta’ Malta u mhux bi proceduri quddiem din il-Qorti li ma hijiex il-forum kompetenti, u (ii) fi kwalunkwe kaz l-attrici già istitwiet proceduri ai termini ta’ l-Artikolu 108 tal-Kap.318 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema proceduri però gew michuda bis-sentenza fl-ismijiet “Nathalie Ellul v. Direttur tas-Sigurtà Socjali” Appell Nru.6/09 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Kompetenza Inferjuri) deciza fid-19 ta’ Frar 2010. Fid-dawl ta’ dan ghalhekk l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza ta’ din il-Qorti biex tittratta u tiddeciedi l-veru mertu u skop tat-talba ta’ l-attrici **u** l-eccezzjoni ta’ *res judicata* sollevati mill-konvenuti huma ghal kollox gustifikati u b’hekk jisthoqq li jigu milqugha.

Stabbilit illi dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma fondati u jisthoqq li jigu milqugha, il-Qorti ma tqisx li ghandha ghalfejn tikkonsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti fir-rigward tat-talba attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza u l-eccezzjoni ta’ *res judicata* sollevati mill-konvenuti, tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------